MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 86

20 ta' Awwissu, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 86**

86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 84 – 8 u Nru. 85 – 8 (Laqgħa b'urġenza);
86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
86.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
86.5 Rapport ta' kull kwart April – Ġunju 2018;
86.6 Il-Proġett ta' Pjazza Santa Margerita u Triq Sannat;
86.7 Measure 4.4 – Support for non-productive investment;
86.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
86.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2018;
86.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

86.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

86.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċidenti Nru. 84 – 8 u Nru. 85 – 8 (Laqgħa b'urġenza) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

86.3.1 Is-Sindku qal li bejn l-24 u 28 ta' Settembru 2018, delegazzjoni komposta mill-membri kollha tal-Kunsill inkluż is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma persuni minn entitatjiet differenti mill-lokali se jżuru Montefiascone l-Italja fejn il-Kunsill hu ġemellat ma din il-lokalita' biex jkomplu jsaħħu dak li kien ġie maqbul meta fl-2016 delegazzjoni minn hemm żaru Ta' Sannat. Hu qal li peress li se jitilgħu il-Vigarju Ġenerali, l-Arċipriet u l-Viċi Parroku mir-raħal Ta' Sannat qed jitlob biex issir quddiesa fil-Katidral ta' Montefiascone fejn hemm ir-relikwija ta' ras Santa Margerita.

86.3.2 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 18 ta' Awwissu 2018 saret attivita' mill-band The Crowns minn Malta fi Pjazza Santa Margerita quddiem il-każini tal-futbol u l-banda. Din l-attivita' inlaqgħet tajjeb ħafna minn dawk preżenti. Il-band The Stents ma setgħux idoqqu u għalhekk il-Kunsill qabel li ssir attivita oħra simili nhar is-Sibt 1 ta' Settembru 2018 fl-istess post fejn magħhom se jattendu wkoll l-band Spring 31.

86.3.3 Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel li nhar is-Sibt 22 ta' Settembru 2018, se jorganiza attivita' bis-sehem ta' gruppi folkloristiċi u għana fejn isir it-tberik tal-annimali waqt ikla li se tiġi organizzata mill-Għaqda tan-Nar. Din l-attivita' ser issir fil-grawnd tal-iskola primarja fit-8.30 p.m.

86.3.4 Is-Sindku qal li fuq talba ta' xi ġenituri mit-tfal tal-iskola primarja Ta' Sannat avviċinawh u qalulu biex il-Kunsill jgħinhom billi jorganizza transport bi ħlas għat-tfal wara l-ħin tal-iskola. Il-Kunsill se jipprepara avviż li għandu jitqassam fil-ġranet li ġejjin biex jara kemm hemm interessati. Sa dan it-tant il-Kunsill se jitlob kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

86.3.5 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet u s-servizzi ġodda fi Triq Bardan b'fondi miksuba minn Miżura 4.3, il-Kuntrattur beda dan ix-xogħol u li kien qed jistenna l-livelli mingħand il-Perit. Dawn il-livelli ngħataw nhar il-Ħamis li għadda u x-xogħolijiet biex din it-triq tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak għandu jingħata fil-ġranet li ġejjin biex b'hekk dan ix-xogħol jitlesta.

*Fis-1.58 p.m. il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana daħlet għal din il-laqgħa.*

86.3.6 Is-Sindku qal li l-Kuntrattur Road Construction Ltd. ġie nfurmat li kien hu li rebaħ l-offerta

SNTLC 04/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching fi Triq Saguna with hot rolled asphalt nhar it-Tlieta 14 ta' Awwissu, 2018. Dan intalab jgħamel il-garanzija bankarja biex jiġi ffirmat il-kuntratt biex fi żmien 10 ġimgħat jitlesew dawn ix-xogħolijiet b'finanzjament li kien ġa miksub mill-Ministeru għal Għawdex.

86.3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill applika minn proġett fuq inizjattiva tal-ecoGozo Regional Development Directorate fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex wara li dan irċieva mingħandhom minn SHERPA (Shared Knowledge on Energy Renovatrion in Buildings by Public Administration)

## 86.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

86.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li minn Ċirkulari SPI 9/2018 tad-DLG għal Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali/Regjonali, l-Kunsill applika għal arja kundizjonata minn din l-iskema peress li din is-sena ma kienetx tista tapplika għal xiri ta' kotba.

86.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva mingħand RefabLightblue Partnership biex issir laqgħa dwar il-ġbir bieb bieb tal-ħwejjeġ. Il-Kunsill qabel ma dan.

86.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Direttur tal-Moniteraġġ u s-Support għall-Gvern Lokali talab laqgħa fil-Kunsill Lokali n-Nadur fejn għaliha attendew is-Sindku, l-Accountant u hu dwar l-Iżbilanċ finanzjaru tal-Kunsill Lokali għas-sena 2017. Huma taw spjegazzjoni minn fejn ġie dan l-izbilanċ.

86.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill intalab biex jipparteċipa fil-Pink October Campaign 2018. Hu qal li l-Kunsill applika biex jixgħel il-Kalkara tal-Ġir fi Triq Sannat għal dan il-għan.

86.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li għada 21 ta' Awwissu 2018 ser issir il-Laqgħa Nru 75 tar-Regjun Għawdex fis-7.15 p.m.

86.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa talab lill-Kunsill biex il-Kunsill jitlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jekk hu possibli l-Kunsill ikun jista japplika għal impjegat addizjonali full time fl-uffiċċju dan peress li fl-uffiċċju hawn ħafna xogħol. Il-Kunsill jifhem li hawn il-ħtieġa u qabel ma dan.

86.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

| | |
|---|---|
| SPI 9/2018 | Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali/Reġjonali |
| SPI 10/2018 | Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2018 |

## 86.5 Rapport ta' kull kwart April – Ġunju 2018

86.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tat-tieni kwart April – Ġunju 2018 u li dan kien intbgħat minn qabel permezz ta' imejl lill-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u approvaħ.

## 86.6 Il-Proġett ta' Pjazza Santa Margerita u Triq Sannat

86.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Proġett ta' Pjazza Santa Marġerita, l-Perit Scerri lesta d-dokumenti tal-offerta għal dan il-proġett li se jkun iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex. Dan it-tender ser jinqassam f'lots biex il-Kunsill ikun jista jaħdem b'mod seren skond il-finanzi li jkollu f'idejh. Dwar Triq Sannat il-Kunsill jaf li l-qasam Triq it-Tabib Anton Tabone il-Ministeru għal Għawdex ppublika t-Tender nhar il-Ġimgħa 20 ta' Lulju 2018 u li dan jgħalaq nhar l-Erbgħa li ġej 22 ta' Awwissu 2018, fid-9.30 a.m. Dan it-tender għandu jintbgħat lil Procurment Section fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Support). Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li għandu jiġi ffirmat l-kuntratt mall-Ministeru għal Ghawdex dwar dan il-proġett. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ġibdet l-attenzjoni biex l-ilmijiet tax-xita ma jibqgħux jintilfu. Is-Sindku qal li dwar dan hu diġa tkellem.

## 86.7 Measure 4.4 – Support for non-productive investment

86.7.1 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 8 ta' Awwissu 2018, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmah li rċieva imejl fejn ġie nnotifikat li mill-applikazzjoni ta' Miżura 4.4 of the Rural Development Programme 2014-2020 ovjament fondi ewropej il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ibbenefika u li fil-qrib ser jiġi ffirmat il-kuntratt tal-Grant mall Managing Authority. Il-Kunsill ibbenfika 80% li jammontaw għal €74215.88 u li l-Kunsill irid joħroġ 20% €18553.97. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nforma lill-Perit biex jibda jipprepara d-dokument tat-tender għal bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Bardan u Triq Mġarr ix-Xini minn dawn il-fondi miksuba.

## 86.8 Ilmenti u Suġġerimenti

86.7.1 Is-Sinjura Rożina Tabone ta' Pjazzetta tax-Xelina qed titlob li jsir il-ħadid madwar il-bankina. Il-Kunsill qabel li jsiru 3 bollards oħra bħal dawk li hemm.

86.7.2 Il-Kunsillier Bajada qed jitlob li l-bus stop ta' Triq il-Kbira tersaq l-isfel quddiem il-ġibjun biex jiġi ggwadanjat aktar parking f'din it-triq. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jikteb lil Transport Malta.

86.7.3 Is-Sinjura Jacqueline Refalo li toqgħod fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri qed titilob li jsiru double yellow lines ħdejn il-garaxx tagħha peres li qed ssib diffikulta biex iddaħħal l-karozza. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil Transport Malta.

86.7.4 Is-Sur Christian Saliba ta' Triq Dun Xand qed jitlob li fi Triq Ta' Ċenċ quddiem binja ġdida jitneħħa il-parking bay peress li l-kuntratturi qed isib diffikulta biex jipparkja l-makkinarju u jkun jista jkompli bix-xogħol tal-bini. Il-Kunsill qabel li dan jitneħħa billi jinforma lil Transport Malta.

86.7.5 Is-Sur Chrismar Xuereb uffiċjal fil-Kunsill tax-Xewkija qed jitlob li jitnaddaf l-ilqugħ tal-ilma li minn Triq tal-Gruwa jinżel għal Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba ntbgħatet bis-sistema tal-IMU (MGOZ).

86.7.6 Is-Sur Mario Cordina li joqgħod fi Triq Gerxija qed jitlob li jsiru double yellow lines fuq iż-żewġ naħat tat-triq peress li din it-Triq hija dejqa. Il-Kunsill qabel li jsiru faċċata ta quddiem il-garaxx peress li din il-parti tat-triq hija dejqa.

86.7.7 Is-Sur Mario Cordina li joqgħod fi Triq il-Kbira qed jitlob biex is-sqaq fl-istess Triq jingħata l-konkos peres li hemm ħafna ħofor. Il-Kunsill qabel li jsir dan u se jinforma lill-kuntrattur Vella Bros. Ready Mix Ltd. biex dan isir.

86.7.8 Is-Sur George Vella ta' Triq Ta' Ċenċ qed jitlob li jsir pavimentar li jkun aċċessibli għall-entratura tal-vetturi għal ġol garaxx fl-istess Triq. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

86.7.9 Is-Sur Michael Fava qed jissuġġerixxi li jingħata isem ta' Triq/Sqaq/Pjazza għal benefattur ġeneruż il Granmastru Gregorio Carafa.

86.7.10 Is-Sindku qed jissuggerixxi li jsiru tabelli dwar il-ġranet tal-ġbir tal-iskart biex ir-residenti u dawk li jiġu jżuruna jkunu jafu sew meta jsir il-ġbir biex b'hekk il-lokalita' tkun aktar nadifa. Il-Kunsill qabel ma dan.

86.7.11 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li ssir No Stoping Sign fi Triq il-Kalati peress li dik li kien hemm ma għadiex hemm. Il-Kunsill qabel.

86.7.12 Is-Sindku qed jitlob biex issir talba lil Transport Malta biex isiru double yellow Lines fi Triq Palazzo Palina u fi sqaq fi Triq Ta' Ċenċ quddiem faċċata ta' dar God Bless. Il-Kunsill qabel.

86.7.13 Is-Sindku qal li dawn ir-residenti qed jitolbu li ssir bankina ġdida quddiem r-residenza tagħhom:
Rosina Borg ta' Triq Ta' Cenc
Fortunato Fava fi Triq Durell
Eddie Mercieca fi Triq l-Ikxbiex c/w Ras in-Newwiela
fi Triq Gerxija quddiem ħajt tas-sejjieħ.
Il-Kunsill qabel li dawn il-bankini jsiru.

86.7.14 Is-Sur Wally Terribile qed jitlob li ssir Guard Rail fil-Qasam, Kurduna fi Triq Sannat u semmha il-problema tal-One Ways f' Ta' Sannat peress li riċenti sar inċident tat-traffiku fil-kantuniera mall-knisja fi Triq Dun Xand Aquilina.

86.7.15 Is-Segretarju qal li l-Pulzija nisa qed jitlob li jsiru barriers ma l-art ġodda għal użu tal-egħluq/ħrug waqt il-ħinijet tat-tfal mill-iskola

86.7.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qed jitlob li tinbidel it-tabella One Way ta' Triq Ta' Bebunaq u li jsiru 2 mirja fi Triq Mġarr ix-Xini. Dawn għandhom jiġu ordnati.

86.7.17 Is-Sur Steve Talbot qed jilmenta li m' hemmx informazzjoni fuq il-web-site tal-Kunsill.

86.7.18 Il-Kunsilliera Said qalet li xi residenti ġibdulha l-attenzjoni li l-Kuntrattur K.I.P. Għawdex qed jispiċċa jgeddes il-boroż taż-żibel quddiem tan-nies. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Kuntrattur. Hi qalet ukoll li riċenti sar xi tindif minn farmhouse bin-numru 86 fi Triq il-Kbira u wżaw il-boroż tar-reċiklaġġ b'żibel mħallat.

## 86.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2018

84.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 8/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 86.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

84.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.12 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Settembru, 2018

| | |
|---|---|
| **(Iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |